MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Rikors Numru. 153/2006

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Numru 192/06 fl-ismijiet:**

**Carlo Schembri ID 385274(M)**
**Vs**
**Alfred Dullnigg ID 480286(M) u**
**Walter Monteboello ID 335553(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tar-rikors** ta' Alfred Dullinigg u Walter Montebello li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremettew illi:

1. Illi fis-6 ta' Frar, 2006, l-intimat, talab u ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru surreferit ghall-ammont ta' disat

elef lira Maltija (Lm9,000), fuq il-kontijiet bankarji kollha li l-esponenti ghandhom ma' l-HSBC Bank Malta p.l.c, mal-Bank of Valletta p.l.c, mal-Lombard Bank Malta p.l.c, u mal-APS Bank Limited, u assi ohra li l-esponenti ghandhom jew jistghu ikollhom depozitati f'idejn il-kontrollur tad-Dwana.

2. Illi l-kawzali li fuqu l-intimat talab il-hrug tal-mandat ta' sekwestru relattiv huma "*danni rizultanti minn nuqqasijiet u l-agir tas-sekwestrati fit-tmexxija tas-socjeta' Primo Leisure Co. Ltd., talbiet dedotti kontestwalment fil-kawza citazzjoni nru 814/2005GCD fl-ismijiet "Alfred Dullnigg et vs Carlo Schembri, "f'kontro-talba".*

3. Illi bl-akbar rispett lejn dina l-Onorabbli Qorti dan il-mandat ghandu jigi revokat ai termini ta' l-artikolu 836(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) tal-Ligijiet ta' Malta, is-subincizi (d) u (f) li jaqra hekk:

*d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;....*

*f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"*

4. Illi s-socjeta' Primo Leisure Co. Ltd. ilha ma topera formalment (u effettivament anke qabel) sa minn Lulju tas-sena 2003, u cioe' iktar minn sentejn u nofs ilu, u ghalhekk il-pretensjoni ta' l-intimat ghal danni allegatament sofferti minhabba nuqqasijiet u agir fit-tmexxija tas-socjeta' imsemmija, hija palezament preskritta. Ghalhekk il-pretensjoni ta' l-intimat ghal danni allegatament sofferti minhabba nuqqasijiet u agir fit-tmexxija tas-socjeta' imsemmija, hija palezament preskritta.

5. Illi l-konsiderazzjoni li ssir fl-ahhar paragrafu suespost jissuggerixxi b'mod car li l-animu li bih l-intimat talab, u ottjena il-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern, kien *biss,* biex jarreka dannu lill-esponenti, u ghalhekk it-talba tieghu

ghall-hrug ta' l-istess mandat ghandha titqies bhala wahda frivola u vessatorja, li dwarha l-esponenti ser jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimati ghall-hlas tal-penali skond l-Artikolu 836(8) tal-Kap.12 (*vide infra)*, jirrizervaw kull kawza ohra spettanti lilhom, senjatament dik ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 838(9) tal-Kap.12.

6. Illi l-ewwel darba li l-intimat jallega nuqqasijiet da parti l-esponenti fit-tmexxija tas-socjeta' Primo Leisure Co. Ltd. kienet permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern. Illi fil-fatt, qabel ma' l-esponenti ntavolaw ic-citazzjoni relattiva kontra l-istess intimat, giet skambjata korrispondenza (*kopja ta' l-istess hawn annessa u mmarkata kronologikament Dok. SM1 sa SM4),* bl-iskop li tinstab, fi kliem l-istess intimat "soluzzjoni ekwa", u wara li l-istess intimat kien diga' iddikjara testwalment, tramite l-avukat tieghu, li kien lest jonora kull obbligu legali tieghu, relattivament ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u penalitajiet ohra, liema taxxa tirrapprezenta l-parti l-kbira tal-pretensjoni ta' l-esponenti dedotta fic-citazzjoni msemmija *(Ara Dok. SM2).*

7. Illi barra t- Taxxa fuq il-Valur Mizjud u penalitajiet relattivament ghal-istess, bic-citazzjoni in kwistjoni, l-esponenti qieghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, tikkundanna lill-intimat ihallas sehem mill-hlasijiet li l-istess esponenti effettwaw minn buthom, a favur tas-socjeta' Primo Leisure Co. Limited, u li effettivament kienu obbligati li jaghmlu fil-kapacita' taghhom ta' diretturi, flimkien ma' l-intimat, ukoll direttur fl-istess socjeta', barra danni nkorsi minhabba li l-intimat wera nuqqas totali ta' nteress, anke, biex fl-interess tieghu, ta' l-esponenti, tas-socjeta' in kwistjoni, u fuq kollox ta' terzi kredituri, l-istess socjeta' tigi likwidata.

8. Illi minn-naha taghhom, apparti li l-esponenti hallsu, u intrabtu li jhallsu, ammonti dovuti fl-ewwel lok mis-socjeta', li izda kienu responsabbli ghalihom, flimkien mas-socjeta' qua diretturi hallsu spejjez ohra, bhal spejjez legali sabiex jigbru dak li dehrilhom kien dovut favur is-socjeta'. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza Primo Leisure Company Limited vs. Wilfred Kenely noe et (Citaz. Nru.

1121/03NC) li ghadha pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta.

9. Illi l-intimat ma kellu ebda sehem fl-ispejjez imsemmija fl-ahhar paragrafu suespost, u meta rinfaccat b'citazzjoni u mandat ta' sekwestru kontestwali, ried jaghmel ritorsjoni u ipprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghal ammont ta' disat elef lira Maltija (Lm9,000), minghajr ma qatt kien interpella lill-esponenti.

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-intimat *prima facie* setgha jitlob u jottjeni l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, l-ammont li l-istess intimat qieghed jippretendi huwa wiehed eccessiv, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

10.1. Illi kif diga' inghad, bic-citazzjoni li l-esponenti ntavolaw kontra l-intimat, huma qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas sehem mill-hlasijiet li l-istess esponenti effetwaw minn buthom, a favur tas-socjeta' Primo Leisure Co. Limited, u li effettivament kienu obbligati li jaghmlu fil-kapacita' taghhom ta' diretturi, flimkien ma' l-intimat, ukoll direttur fl-istess socjeta', barra danni nkorsi mill-istess esponenti. Illi sehem l-intimat li l-esponenti qieghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-istess intimat ihallas, huwa ta' cirka Lm5,500, liema sehem l-intimat qieghed jeccepixxi li m'ghandux ihallas ghaliex l-esponenti mexxew hazin is-socjeta' Primo Leisure Co. Ltd. Illi ghalhekk wiehed logikament jiddeduci li t-talba li qieghed jaghmel l-intimat bil-kontro-talba ghac-citazzjoni ta' l-esponenti, liema talba huwa kkawtela bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, hija ta' Lm5,500, u cioe' dak is-sehem li huwa ma kienx ikun tenut ihallas jekk mhux ghat-tmexxija hazina ta' l-esponenti minnu allegata. Illi ghalhekk it-talba tieghu ta' Lm9,000 hija palezament eccessivament.

11. Illi wara li gew notifikati bil-mandat ta' sekwestru odjern, l-esponenti nkarigaw lil l-avukat sottoskritt jikteb ittra lill-intimat a tenur ta' l-Artikolu 836(8 (b) sabiex minnufih inehhi l-istess mandat (*kopja ta' l-ittra hawn*

*annessa u mmarkata Dok. SM5).* Sallum, l-esponenti ma rcevew l-ebda risposta da parti l-intimat sabiex jiggustifika l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, kif jitlob l-imsemmi Artikolu. Illi bhala fatt, jirrizulta wkoll, kif diga' inghad. Illi l-intimat bl-ebda mod ma talab lill-esponenti jipprovdu sigurta' bizzejjed, kif jitlob ukoll l-istess Artikolu.

12 Illi jinghad ukoll illi ma kienet tezisti ebda raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern. Iz-zewg esponenti ghandhom residenza u interessi kummercjali gewwa Malta, u ghalhekk lanqas jista' japplika l-*proviso* tal-paragrafu (b) tas-subinciz (8) ta' l-Artikolu 836.

13 Illi ghall-finijiet tal-hlas tal-penali a tenur ta' l-istess subincizz (8) ta' l-Artikolu 836, japplika wkoll il-paragrafu (c) ta' l-istess dispozizzjoni stante li t-talba li l-esponenti ddecudew fic-citazzjoni intavolata kontra l-intimat hija dwar hlasijiet li ghamlu l-esponenti minn buthom, li naturalment ma kienux jaghmlu li kieku ma kellhomx il-kapacita' finanzjarja li jaghmlu dawk il-hlasijiet!

14 Illi ghar-ragunijiet imsemija fil-paragrafu suesposti tal-prezenti rikors, japplika dak dispost fil-paragrafu (d) tal-istess subinciz.

B'rizerva ghad-danni li l-esponenti nkorrew, u li jistghu jinkorru.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi is-socjeta' esponenti titlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-ammont mitlub mill-intimat m'huwiex prima facie gustifikat jew eccessiv, u dana ai termini ta' l-Artikolu 836(1) (d) tal-Kap.12; u/jew

2. Tiddikjara li m'huwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru odjern jew parti minnu jew li dan il-mandat jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 836(1) (f) tal-kap.12;

3. Konsegwentement tirrevoka l-mandat ta' sekwestru odjern, taht dawk il-kundizzjonijiet li tista' tqis xierqa; u/jew

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira, u dana ai temini ta' l-Artikolu 836(8) (b), (c), u (d) tal-Kap.12; u/jew

5. Tordna lill-intimat sabiex jaghti, f'terminu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali u ta' danni u imghax u fin-nuqaas li tnehhi l-mandat ta' sekwestru odjern, u dana ai termini ta' l-artikolu 838A tal-Kap.12.

Bl-ispejjez kollha konta l-intimat.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukat difensur tar-rikorrenti jittratta;

Rat il-verbal tallum;

**TIKKUNSIDRA**

Illi skond l-artikolu 836 (3) tal-Kap 12 l-intimat kellu mhux aktar tard mill-jum stabbilit ghas-smigh tar-rikors jiddikjara permezz ta' nota x'inhuma r-ragunijiet tieghu, jekk ikollu, ghaliex it-talba tar-rikorrent m'ghandhiex tintlaqa' **u fin-nuqqas ta' dik l-opposizzjoni l-Qorti ghandha tghaddi biex tilqa' t-talba**.

Illi mir-riferta a fol 14 jirrizulta li Carlo Schembri kien gie notifikat fit- 2 ta' Marzu 2006 izda baqa' ma ressaqx l-opposizzjoni tieghu.

Illi mill-att promotorju u mid-dokumenti ezibiti – korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet - jidher li l-intimat ma kienx gustifikat li johrog il-mandat in kwistjoni, imma hareg dan il-mandat b'ritaljazzjoni ghall-azzjoni

gudizzjarja u ghat-talbiet ghal hlas li saru mir-rikorrenti kontra l-intimat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi illi l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha, u ghalhekk tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni; Tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni taz-zewg talbiet l-ohra stante li mhux il-kaz li fic-cirkostanzi jinghata provediment fuq dawn it-talbiet.

Spejjez ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------